

# FESTA SAN GUZEPP MSIDA

13 - 21 ta' Lulju
1974

# PROGRAMM

# BAJADA WOODWORKS

## LIMITED

## Manufacturers of all Kinds of Woodwork

**TOWER STREET, MSIDA.**

**Tel. 31004 - 45085**

---

# BAJADA WOODWORKS

## OVERSEAS LIMITED

## Joinery Works And Furniture

**TOWER STREET, MSIDA, MALTA.**

**Tel. 31004 - 45085**

**Cables: BAJAWOOD MALTA Telex: MW 374 MALTA**

# MESSAGGI

## Mill-W. R. Kappillan:

Għeżież M sidjani,

Il-maħbub tagħna, San Ġużepp, mis-sema fejn qiegħed igawd l-premju tal-fedeltà tiegħu fuq l-art, iħares lejna u jara d-diffikultajiet li niltaqgħu magħhom matul ħajjitna, meta, fuq l-eżempju tiegħu nagħmlu r-rieda t'Alla. Magħqudin qalb waħda taħt il-ħarsien t egħu, ngħollu leħinna u bl-akbar fiduċja, ngħ dulu:

O Ġużeppi, inti kont tfajjel umli, żagħżugħ ħaddiem, għarus purissimu li taf verament tħobb, ir-raġel ġust u kap eżemplari tal-familja ta' Nazaret: idħol għalina; għall mna kif għandna ngħixu ħajja xierqa; k f nirbħu t-tentazzjonijiet, kif nerfgħu s-salib tagħna, kif nagħmlu kollox għall-glorja t'Alla; biex dak Ġesl li inti tant ħabbejt fuq l-art, miegħek niġu ngawduH, fis-sema.

## Mill-Kummissjoni Amministrattiva:

M sidjani,

Jekk is-sena kollha għandna nkunu magħqud n bħal familja waħda, kemm aktar fil-jiem sbieħ tal-festa! Il-knisja armata qisha ġenna, il-programm imħejji biex jilħaq lil kulħadd, il-funzjonijiet liturġiċi kollha, dwal u muż ka li jisirqulek qalbek — dan kollu noffrulkom biex taqsmu magħna għall-glorja t'Alla u għall-ikbar ġieh tal-qaddis patrun maħbub tagħna San Ġużepp.

## Mill-Kumitat tal-Festa Esterna 1974:

Għeżież Misidjani,

Hd mna, stinkajna u għamilna ħafna sagrifiċċji biex inhejju festa sabieħa, u intom kontu magħna u għentuna bi fluskom fil-ġbir u fil-fieri. Ejjew issa nifirħu u ngawdu fl mkien din il-festa li hija tagħna u tagħkom. Din hija l-festa ta' kull Misidjan.


AGĦŻEL IL-KULURI LI TIXTIEQ

ZEBGHA CARSONS

Varjeta' bla tarf ta' kuluri bil-magna speċjali SPECTROMATIC

Tagħżel il-kulur int — Nagħmluhulek AĦNA

ĊENTRU ŻEBGĦA CARSONS, 44, Ix-Xatt tax-Xbiex Msida. Tel. 33479

# THE FALCON FORGE

Għal kull xogħlijiet ta' ferrobattuto, twieqi tal-ħadid iggalvanizzati, ħadid għat-tarag, ħadid biex iddawwar il-ġonna, ejja għandna u żgur li toħroġ sodisfatt.

**ASSORTIMENT KBIR TA' DISINJI U QISIEN,**

**IPPROVDUTI FLIMKIEN MA' XOGHOL TAJJEB U MALAJR**

Irrikorru:

**THE FALCON FORGE,**
**Joe Lautier (prop.),**
**Tower Street,**
**l-Imsida.**

**Tel. 36931.**

# DANUSA

## ONE OF EUROPE'S LEADING COSMETICS PREPARATIONS

BODY
- Deodorant Dermotalcum
- Deodorant Invisible Spray
- Deodorant Invisible Stick
- Blue Bubble Bath
- Body Moisturizer
- Fluid Depilatory

FACE
- Cleasing Milks
- Face Moisturizer
- Dew Tonic Spray & Liquid
- Nourishing Cream in tubes and jars

HAIR
- Shampoos

and particularly the **QUICK DRY** Spray Shampoo

**JOSEPH CASSAR**

207-208, Old Bakery Street, Valletta.

## IL-KUMMISSJONI AMMINISTRATTIVA

Dun Anton Caruana, Dun Ġużepp Mifsud, Dun Charles Abela, is-Sur John Sapiano u s-Sur Lino Bartolo.

## KUMITAT TAL-FESTA ESTERNA SAN GUZEPP 1974

President: is-Sur Joseph Friggieri.

Segretarju: is-Sur Raymond Lanzon.

Kaxxier: is-Sur Lino Bartolo.

Viċ-President: Dun Ġużepp Mifsud.

Asst. Segretarju: is-Sur Paul Pizzuto.

Rappreżentanti tal-Kummissjoni Amministrattiva: Dun Ġużepp Mifsud, Dun Charles Abela.

Rappreżentant tal-Banda Melita: is-Sur Emm. Mifsud.

Rappreżentanti tan-Naħa ta' Ġewwa: is-Sur Emm. Grima (Leader), is-Sur Francis Sammut, is-Sur Joseph Sammut, is-Sur Paul Pisani, is-Sur Alfred Baldacchino, is-Sur Joseph Micallef, is-Sur Joseph Mizzi u s-Sur Sunny Pace.

Rappreżentanti tan-Naħa ta' Barra: is-Sur Victor Camilleri (Leader), is-Sur Joseph Tedesco, is-Sur Eddie Zammit, is-Sur Paul Spiteri, is-Sur Alfred Calleja, is-Sur Rafel Spiteri, is-Sur Lolly Farrugia, is-Sur John Rapinett.

Rappreżentanti tan-Naħa ta' l-Ursolini: is-Sur John Gera (Leader), is-Sur John Farrugia, is-Sur Anton Tabone, is-Sur Andrew Tanti, is-Sur John Mifsud, is-Sur Charles Tabone, is-Sur Charles Brincat.

Co-Opted Member: is-Sur Francis Tabone.

# JVC GX-500E
## MANUFACTURER SELECTED FULL 4-CHANNEL PACKAGE




Trade Enquires: **DAI TRADING AGENCY**
KNIGHTSBRIDGE, Msida Circus, Msida

Obtainable from:—
NIVICO, Zachary Str., Valletta — SONY, Merchants Str., Valletta
ESTILO, South Str., Valletta.

# OPRI GODDA MATUL DIN IS-SENA

1. Statwa tad-Duluri xogħol ta' Glormu Dingli.
2. Standard u paramenti vjola għall-Festa tad-Duluri.
3. Standard żgħir għall-fratellanza tas-Sagrament.
4. Arġentatura ta' żewġ lampieri għal quddiem n-niċċeċ.
5. Proġett ta' bini ta' tliet kmamar u restawr tas-sagrisija l-kbira, u ħolqien ta' kamra fejn se tintrefa l-bradella ta' San Ġużepp matul is-sena.
6. Sitt stazzjonijiet ġodda tal-Via Sagra (opra mogħtija m s-Sinjura Maria Camilleri).
7. Induratura tal-pedestall u restawr ta' l-istatwa ta' San Ġużepp xogħol tad-ditta Coleiro tal-Belt.
8. Arġentatura ta' erba' gastri ta' fuq il-pedestall ta' l-istatwa mħallsa mis-Sur John Debattista u l-familja.
9. Sett Pavaljuni għat-toroq Mons. D'Andria u Antonio Sciortino.
10. Sett bandalori għall-pjazza.

## ID-DILETTANTI TAN-NAHA TA' BARRA SER IŻANŻNU

11. Ndurar bid-deheb tas-Sandli ta' San Ġużepp u s-Salib tal-Bambin, miġbur minn diversi benefatturi.
12. Sett Pavaljuni għal Sawmill, Giacchino Navarro, St. Anthony, St. Louis, u Bishop Caruana Str.
13. Sett disinji li ser jintramaw f'diversi toroq.
14. Pavaljun għal D'Argens Junction.

## ID-DILETTANTI TAN-NAHA TA' L-URSOLINI SER IŻANŻNU

15. Sett Pavaljuni li ser jintramaw f'Dock, Qrejten u Clarence Str.

**Nixtiequ nirringrazzjaw mill-qalb lil dawk kollha li għenu b'xi mod jew ieħor biex dawn l-opri setgħu jsiru.**


**META TIXTRU XI HAGA GHALL-GNIEN IXTRU DEJJEM BIL-KUNFIDENZA LI XTRAJTU L-IPREM U L-AQWA**

GHALHEKK IXTRU DEJJEM MINN:

**THE GENERAL TRADING COMPANY LIMITED**

303, Kingsway, Valletta Malta.
FUQ WEMBLEY STORES
Tel. 26631 — 25148

**Itla' fl-Ewwel Sular u ssib kulma trid għall-ġnien.**

IRHAM MILL-ISBAH,
IRHAM MILL-AQWA,
IRHAM MILL-IFJEN.

Ejja u ara b'għajnejk l-assortiment kbir ta' xogħlijiet ta' l-irħam li nistgħu nagħmlulek.

Għal kull tagħrif irrikorru għand:

ANTHONY LAUTIER,
Tower Road,
l-Imsida.

Tel: 36931.

GHALL-BEJGH BI PREZZIJIET IRHAS

Biċċiet ta' Art bil-Permess għall-Bini, fil-limiti ta' HAL LIJA, BIRKIRKARA, KAPPARA, BAHAR IC-CAGHAQ, MADLIENA, IL-MAGHTAB U L-IMSIDA, kif ukoll Djar kompluti minn kollox, jew saqaf u ġebel biss u Flats.

Investu fluskom tajjeb

Irrikorru għand:

JOHN C. MICALLEF
163, MARINA WHARF, PIETA'.
Ċemplu: 21835 — 36620 — 43935

u toħorġu sodisfatti żgur.

# PROGRAMM

IS-SIBT, 13 TA' LULJU

6.30 p.m. Fiera kbira u Orkestra fuq il-baħar.

9.00 p.m. Tibda l-Popolari Ġostra fid-dawl tal-floodlights.

IL-ĦADD 14 TA' LULJU

FTUĦ SOLENNI TAL-FESTA — JUM DEDIKAT LILL-MISIDJANI KOLLHA

6.00 p.m. Quddiesa solenni mill-W. R. Kappillan, li fiha jieħdu sehem l-Għaqdiet kollha tal-parroċċa.

6.30 p.m. Tibda Mixgħela Venezjana u Orkestra fuq il-baħar u fiera kbira madwar ix-xatt.

7.00 p.m. Inawgurazzjoni u tberik tal-proġett tas-Sagristija mill-Kappillan, kif ukoll kxif ta' Lapida lill-fundatur tal-knisja Mons. Franġisku Saverju Falzon Debono.

9.30 p.m. Wasla trijunfali ta' San Ġużepp fit-tarf ta' St. Joseph Drive, daqq ta' Fanfarra, u marċ sal-knisja mill is-Scouts ta' San Ġwann.

Quddiem il-knisja jsir diskors ta' merħba u preżentazzjoni ta' bukkett fjuri f'isem l-Għaqdiet u każini kollha ta' l-Imsida.

IT-TNEJN 15 TA' LULJU

JUM DEDIKAT LILL-MISIDJANI MEJTIN KOLLHA

6.30 p.m. Quddiesa Solenn bil-mużika għar-ruħ l-Misidjani mejtin kollha, inklużi s-saċerdoti li ħadmu fil-parroċċa u l-benefatturi mejtin.

IT-TLIETA 16 TA' LULJU

JUM DEDIKAT GĦAT-TFAL MISIDJANI

5.45 p.m. Id-IX Vestizzjoni Solenni ta' l-Abbatini li jagħmlu s-servizz liturġiku fil-parroċċa.

6.30 p.m. Quddiesa solenni konċelebrata mill-W.R. Kappillan, flimkien mal-W. R. Kan. Dun Ġużepp Delia, id-Direttur Djoċesan u Dun Ġużepp Mifsud, id-Direttur Parrokkjali tal-Piccolo Clero.

L-ERBGĦA 17 TA' LULJU

L-EWWEL JUM TA' THEJJIJA —
JUM DEDIKAT LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ MISIDJANI

6.30 p.m. Quddiesa Solenn konċelebrata bl-omelija mill-Misidjan il-W. R. Patri Patrick Debattista, O.F.M. Cap. fuq is-suġġett: "San Ġużepp mudell taż-żgħażagħ", Innu, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

IL-ĦAMIS 18 TA' LULJU

IT-TIENI JUM TA' THEJJIJA —
JUM DEDIKAT LILL-ĦADDIEMA MISIDJANI

6.30 p.m. Quddiesa Solenni Konċelebrata bl-omelija mill-Misidjan il-W. R. Patri Mannes Fiorini, O.P., fuq is-suġġett: "San Ġużepp il-Patrun tal-Ħaddiema". Innu, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

## IL-ĠIMGĦA 19 TA' LULJU

### IT-TIELET JUM TA' THEJJIJA — JUM DEDIKAT LILL-FAMILJI MISIDJANI

6.30 p.m. Quddiesa Solenni konċelebrata bl-omelija mill-Misidjan il-W. R. Prijol Amadeo Zammit, O.C., fuq is-suġġett: "Familja Mqaddsa Mudell ta' Żminijietna," Innu, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

8.00 p.m. Mixgħela Ġenerali.

8.30 p.m. Marċ tradizzjonali u brijuż mill-Banda "Mel ta" ta' l-Imsida, li jibda minn quddiem il-knisja u jgħaddi minn dawn it-toroq: Ix-Xatt ta' Xbiex, Antonio Sciortino, Knisja, Mons. D'Andria, Ġdida, D'Argens, Kunċizzjoni, Il-Wied, u jispiċċa fi Pjazza Palma.

## IS-SIBT 20 TA' LULJU

### LEJLIET IL-FESTA — JUM DEDIKAT LILL-MORDA MISIDJANI

8.00 a.m. Quddiesa Solenni konċelebrata mill-W. R. Kappillan, Te Deum u Antifona.

8.30 a.m. Ordinazzjoni Saċerdotali ta' żewġ djakni Misidjan Dun Charles Caruana u Dun Viċenz Cachia fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann.


# CAROUSEL

## STATIONERY & TOYS IMPORTERS

19, TA' XBIEX SEA FRONT, MSIDA.

TEL: 32992.

(Kantuniera bogħod mill-Knisja)

ISSIBU:

**TOYS U PUPI KBAR U MODERNI,**
**L-AQWA MILL-KONTINENT**
**KULL ĦTIEGA TA' STATIONERY**

4.30 p.m. Ikun hawn konfessuri barranin għall-Qrar.

6.00 p.m. Transulazzjoni Solenni u wara Għasar bil-mużika m's-saċerdot novell Dun Viċenz Cach a.

7.00 p.m. Quddiesa Pontikali konċelebrata mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Emm. Galea Vigarju Generali flimkien mas-saċerdoti li ħarġu mill-Parroċċa.
Għall-funzjoni ta' fil-għaxija jassistu l-morda tal-Parroċċa. — Organizazzjoni ta' l-Azzjoni Kattolika u l-Kummissjoni Amministratt va.

6.30 p.m. Marċ mill-banda "Our Lady of Consolation" tal-Gudja li jgħaddi minn dawn it-toroq: Ix-Xatt ta' l-Imsida, l-Wied, Kunċ zzjoni, u Pjazza Palma.

8.00 p.m. Marċ mill-istess banda li jgħaddi minn Sawmill Str., Rue D'Argens, St. Anthony, St. Louis Bishop Caruana. Wara jerġa' jibda minn Sawmill Str., Antonio Bos o, Knisja, Mons. D'Andr a, ix-Xatt ta' Ta' Xbiex u jispiċċa quddiem il-knisja.

8.30 p.m. Marċ mill-banda "Melita" ta' l-Imsida, li j bda minn ħdejn l-skola tal-catering u jgħaddi minn dawn it-toroq: Qrajten, Clarence, Sorijiet Ursolini, Bordin, Misraħ-il-Barrier, Dock Str., St. Joseph Drive, għall-knisja fejn il-banda tesegwixxi programm taħt it-tmexxija tas-Surmast Phil p Gatt, F.L.C.M., A.R.C.M.

10.30 p.m. Logħob tan-nar kbir maħdum mis-Sur Jakki Ellul tal-Qrenli, wara kaxxa Infernali.

## IL-HADD 21 TA' LULJU

### JUM IL-FESTA

5.00 u 6.00 a.m. Quddiesa bid-djaknu u lettur.

7.00 a.m. Quddiesa konċelebrata mill-W. R. Kappillan flimkien mas-Saċerdoti Novelli Dun V ċenz Cachia u Dun Charles Caruana.

8.00 a.m. Quddiesa konċelebrata mis-Saċerdoti mistiedna.

9.00 a.m. Quddiesa Solenni Pontifikali konċelebrata mill-W. R. Mons. Carmelo Scicluna. Wara l-Vanġelu jinseġ Paniġirku l-W. R. Patri Ganġużepp Camilleri O.F.M. Gwardjan ta' Villambrosa.

11.00 u 12.00 a.m. Quddiesa bid-djaknu u lettur.

6.00 p.m. Għasar solenni min-Novell Saċerdot Dun Charles Caruana, li jmexxi wkoll il-Purċissjoni.

7.00 p.m. Purċissjoni bl-statwa artistika u għażiża tal-Kbir San Ġużepp.

Wara: Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkarist ka.

5.00 p.m. Il-wisq popolari ĠOSTRA.

6.00 p.m. Il-banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar tagħmel marċ li jibda minn ħdejn in-niċċa tad-Duluri u jgħadd minn dawn it-toroq: Mar na, telgħa tal-Gwardamanġa, Sorijiet Ursolini, Clarence, Dock u Vjal San Ġużepp. Wara, takkompanja l-purċissjoni b'marċi ferrieħa.

# BLOKRETE

## BUILDING CONTRACTORS

**Manufacturers of:**

**All kinds of hollow Concrete Blocks**

**OMNIA Roof Planks & Roof Blocks**

**Decorative Screen Blocks, and**

**suppliers of sand & aggregate**

## BLOKRETE LIMITED

**MOSTA ROAD, LIJA.**

**TELEPHONE: K. 41850**

6.00 p.m. Il-banda L'Isle Adam tar-Rabat tagħmel marċ li jgħaddi minn dawn it-toroq: San Alwiġi, Kunċizzjoni, ix-Xatt ta' Ta' Xbiex, Parroċċa, Knisja, Giacchino Navarro u x-Xatt ta' Ta' Xbiex.

Wara: Il-banda tagħmel Programm quddiem il-Knisja taħt it-tmexxija tas-Surmast Kav. Anton Muscat Azzopardi.

Il-Mużika tat-Tridu ta' Lejliet u nhar il-Festa tkun taħt it-tmexxija tas-Surmast Giuseppe Camilleri.

Huwa ttamat li kulħadd, f'dawn il-jiem ta' festa, jersaq għas-Sagramenti tal-Qrar u tat-Tqarbin.

Il-Misdjani huma mistiedna biex jibgħatu bukketti ta' fjuri għal quddiem l-istatwa ta' San Ġużepp, b'mod speċjali l-għaqdiet kollha u l-każini. Dan għandhom jagħmluh is-Sibt, lejliet il-festa, fil-għodu.

Mhux se jinxtegħel xemgħa żgħir quddiem l-istatwa ta' San Ġużepp meta din tkun barra minn-niċċa: dan minħabba li kienet qegħda ssir ħsara kbira lill-istess statwa. Għalhekk il-flus li jingħataw għax-xemgħa jinġabru flimkien u jinxtegħel xemgħa kbir: b'dan il-mod min ikun għamel il-wegħdi ta' xemgħa xorta waħda jissodisfa l-wegħda tiegħu u ma tibqax issir ħsara lill-istatwa.

**Nagħmlu Appell lil kulħadd biex jekk jista' jkun ma jinxteħtux kwantitajiet kbar ta' karti fuq l-istatwa, issa li ġiet restawrata: nixtieqụ u ser nagħmlu ħilitna biex kemm jista' jkun nibżgħu għaliha. J'Alla kulħadd jagħmel dan.**

CANADA DRY
Hi-spot

# PANTA LESCO LTD.

## ELECTRICAL and MECHANICAL ENGINEERS and CONTRACTORS

AGENTS FOR

HAWKER SIDDELEY ELECTRIC EXPORT LTD.
(All Electrical Equipment) (Crompton Parkinson)

NEIL AND SPENCER LTD.
(laundry and Drycleaning Equipment)

SIMPLEX — SWITCH GEAR

AVERY EXPORT LTD.
(Weighing Machines)

FEDERAL ELECTRIC LTD.
(M.C.B. Boards and Equipment)

ALLEN YGNIS BOILERS LTD.

PANTA HOUSE,
VALLEY ROAD,
MSIDA.
Tel: 41361.

# PATRICK'S

## WOODWORKS

49A, BORDIN STR., MSIDA.

Tel: 37195

SHOWROOM AT:—

22, BORDIN STREET, MSIDA.

# PROGRAMM TAN-NAR

Il-Ħadd 14, l-Erbgħa 17, il-Ħamis 18, il-Ġimgħa 19 ta' Lulju: Sparar ta' murtali u musketterija.

Is-Sibt filgħaxija: Fit-transulazzjoni sparar ta' kaxxa infernali. Wara l-logħob tan-nar, kaxxa infernali tal-kulur.

Il-Ħadd nhar il-festa: Kaxxa infernal Spanjola waqt il-ħruġ tal-istatwa, kif ukoll salut u musketterija.
Akkumpanjament matul il-purċissjoni kollha b'murtaletti u murtali.
Ħdejn l-Għajn tal-Hasselin tiġi sparata kaxxa infernali Spanjola.
F'd-dħul tal-Purċissjoni tiġi sparata kaxxa infernali tal-kulur.

N.B. Il-kaxxa infernali tas-Sibt u fil-dħul u l-ħruġ tal-Purċissjoni ġew miġbura mid-dilettanti tan-nar tan-naħa ta' Barra.
Il-murtali kollha tat-Tridu, kif ukoll l-akkumpanjament tal-Purċisjoni kollha, inkluża l-kaxxa infernali ta' ħdejn l-Għajn tal-Hasselin ġew miġbura mid-dilettanti tan-naħa ta' Ġewwa.
Il-musketterija fuq l-knisja parrokkjali saret mill-Kummissjoni Amministrattiva.


IL-FAMUZA
DOLCERIJA
FL-IMSIDA

BUSY-BEE

TIRCIEVI ORDNIJIET GHAL

TIGIJIET
MAGHMUDIJIET
PARTIES

IRRIKORRU:

38, TA' XBIEX SEA FRONT.

TEL: 31738

# Viva.




**Viva gives you all you want from a family four-seater car.**

Plenty of room inside and a big boot. 3 body styles with a host of standard features. And for 1974, Vivas have reclining front seats and 2-speed wipers with electric screenwash. All at no extra cost.

Call in and we'll show you why Viva is right from every point of view.

**Vauxhall** GM

## MAMO BROS. LTD.

## MSIDA

## Tel. 33001

PROGRAMM STRUMENTALI LI SE JINDAQQ MILL-BANDA

# MELITA

FUQ IZ-ZUNTIER TAL-KNISJA, FL-20 TA' LULJU 1974

LEJLIET IL-FESTA TAL-PATRIJARKA SAN ĠUŻEPP

IMMEXXI MIS-SURMAST PHILIP GATT, F.L.C.M., A.R.C.M.

INNU TAL-PAPA

INNU POPOLARI "SAN ĠUŻEPP"

| | | |
|---|---|---|
| Sinfonia | LA GAZZA LADRA | G. ROSSINI |
| Fantas a | DON CARLOS | G. VERDI |
| Valzer | BLUE DANUBE | J. STRAUSS |
| Marcia Sinfonica | SEMPRE FORTE | A. D'AGOSTINO |

INNU MALTI

PROGRAMM STRUMENTALI LI SE JINDAQQ MILL-BANDA ĊITTADINA

# L'ISLE ADAM

FUQ IZ-ZUNTIER TAL-KNISJA NHAR IL-HADD 21 TA' LULJU 1974

TAHT IT-TMEXXIJA TAL-KAV. ANTON MUSCAT AZZOPARDI

O.S.J., O.R.C.C., A.MUS.L.C.M.

INNU PONTIFIĊJU

| | | |
|---|---|---|
| Sinfonia | I CAVALIERI DI MALTA | A. NANI |
| Ballo... Faust | | GOUNOD |
| | LA NOTTE DO VALPURGIS | |
| Fantasia | CARMEN | BIZET |
| Fantasia | ADRIANA LECOUVREUR | CILEA |

INNU L'ISLE ADAM
INNU MALTI

# MID-DJARJU TAL-PARROCCA

## LULJU 1973 — ĠUNJU 1974

| | |
|---|---|
| 15 ta' Lulju: | Wara quddiesa solenni, ġ et maħruġa fuq iz-zuntier l-istatwa ta' San Ġużepp, bħala bidu tal-festa. Eluf ta' nies kienu preżenti fil-pjazza, u wara saret anke l-ġostra. |
| 22 ta' Lulju: | Ġiet iċċelebrata, b'mod solenni l-festa ta' San Ġużepp. Fil-għaxija, il-Misidjani kollha nġabru f'St. Joseph Drive għad-dħul trijunfali ta' l-istatwa fil-knisja. |
| 14 ta' Awissu: | Ċelebrazzjoni Marjana fil-knisja. |
| 5 ta' Diċembru: | Mons. Arċisqof jikxef u jbierek l-istatwa tal-Kunċizzjoni ħdejn il-knisja ż-żgħira. F'din l-okkażjoni wkoll, ġiet inawgurata l-knisja li ġiet restawrata. Wara Mons. Arċisqof ikkonċelebra ma' diversi Saċerdoti. |
| 8 ta' Diċembru: | Festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, fil-għaxija saret il-purċissjoni. |
| 24 ta' Diċembru: | B l-lejl fil-knisja saret festa ta' dawl, qari u mużika f'forma ta' Pageant maħdum mill-membri tal-Għaqdiet, li spiċċat b l-priedka tat-tifel u l-Quddiesa tal-Milied. |
| 28 ta' Frar: | Pellegrinaġġ solenni bħala ftuħ tal-Missjoni Randan mill-Kunċizzjoni għall-Parroċċa. |
| 19 ta' Marzu: | Festa tal-Patrijarka San Ġużepp. Mons. Arċisqof fil-għaxija kkonċelebra ma' tmintax-il saċerdot ieħor li kienu qegħdin ifakkru t-tieni anniversarju tal-Ordinazzjoni tagħhom. |
| 31 ta' Marzu: | "Il-Fidwa ta' l-Imsallab," Pageant maħdum mit-tfal u żżgħażagħ tal-parroċċa fl-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni ta' l-istatwa tad-Duluri. |
| 5 ta' April: | Festa tad-Duluri: Fil-għaxija saret il-purċissjoni bl-istatwa l-ġdida, li għaliha attendiet folla kbira ħafna. |
| 7 ta' April: | Ftuħ tal-funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa. |
| 10 ta' April: | Iċċelebrata quddiesa mill-Missjunarju Fr. Theobold Kyambo mit-Tanzania. |
| 12 ta' April: | Mons. Arċisqof jagħmel waħda mill-visti tas-Seba' Knejjes fil-parroċċa. |
| 14 ta' April: | L-Għid il-Kbir. Ġew imżanżna żewġ stazzjonijiet tal-Via Sagra. |
| 30 ta' Mejju: | Għeluq ix-xahar tal-Madonna b'velja Marjana. |
| 9-13 ta' Ġunju: | Jiem Ewkaristiċi li għalqu bil-purċissjoni Sagramentali li għaddiet minn diversi toroq ġodda biex jintlaħqu iktar nies. |

## Għad-DAR MODERNA

# GHAMARA INVICTA

* Kmamar tas-sodda illustrati
* Kmamar tal-ikel
* Imwejjed u siġġijiet
* Salotti
* Spare bedrooms
* Cupboards tal-kċejjen

Manifatturi wkoll ta':—

SIĠĠIJIET TAT-TFAL; IRONING-BOARDS; STEP-STOOLS; SHOPPING CARRIERS; BABY COTS; BABY HIGH CHAIRS; SLIELEM FORĊI.

Uffiċċju u Workshop:—

MISRAH IL-BARRIERI — MSIDA

Showrooms:

MARINA STREET — PIETA'
THE STRAND — SLIEMA
VALLETTA ROAD — MOSTA
PAOLA SQUARE — PAOLA

TEL: 26651 — 75/6440 — 75/6593.

INVICTA L-AQWA GHAMARA MALTIJA



*Bil-kortesija ta' "Cathedral Library", Sliema.*

## DEHRA TA' L-IMSIDA

Stamperija "Il-Ħajja"